**22 ta' Ottubru, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Emanuele Bonello noe

*versus*

Spiridione Falzon noe

**Trade Mark — Reġistrazzjoni — Garanzija għall-ispejjeż — Irritwalità — Art. 182 u 908 (e) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Art. 91 (3) tal-Kap. 48.**

Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur nomine — wara li ppremetta illi d-ditta konvenuta talbet ir-reġistrazzjoni hawn Malta tal-kelma "Spotless" bħala Trade mark għad-deterġent likwidu bottiljat maħdum u mibjugħ minnha skond ma jirriżulta mill-avviż li ġie pubblikat fil-gazzetta tal-Gvern tat-tnejn (2) ta' Ottubru, 1961 (Dok. A) — u li d-ditta attriċi fl-għaxra (10) ta' Ottubru, 1962, għamlet att ta' oppożizzjoni għat-talba tar-reġistrazzjoni li vera kopja tiegħu qegħda tiġi annessa (Dok. B) għar-raġuni li r-reġistrazzjoni tal-kelma "Spotless" kif riprodotta fl-imsemmi avviż tikkostitwixxi vjolazzjoni tat-Trade Mark numru 7370 konsistenti fil-kelma "Spot" kif riprodotta spettanti lid-ditta attriċi u tkun kawża ta' konfużjoni ma' prodotti simili maħdumin mill-istess ditta attriċi u mibjugħin fis-suq lokali — u li l-imsemmi Trade Mark numru 7370 konsistenti fil-kelma "spot" għad-deterġent likwidu u polverizzat maħdumin mid-ditta attriċi ġie reġistrat lokalment b'effett mis-sitta (6) ta' Lulju, 1962, u għadu hekk iseħħ sallum kif jirriżulta mid-dokumenti (C u D) u li d-ditta konvenuta fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru, 1962, ip-

preżentat kontrodikjarazzjoni kontenenti r-raġunijiet kontra l-imsemmi att ta' oppożizzjoni tad-ditta attriċi li vera kopja tal-kontrodikjarazzjoni hija annessa ma' l-att ta' ċitazzjoni u markata (Dok. E) — talab li tiġi minn din il-Qorti miċħuda t-talba tal-konvenut nomine għar-reġistrazzjoni tal-kelma "Spotless" bħala Trade Mark għad-deterġent likwidu bottiljati u maħdumin u mibjugħin mid-ditta konvenuta u dana għar-raġunijiet fuq premessi. B'riserva għal kull azzjoni oħra oltre dik għad-danni lill-attur nomine spettanti u bl-ispejjeż;

Omissis;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut (fol. 14) li biha eċċepixxa l-irritwalità tal-garanzija għall-ispejjeż prodotti maċ-ċitazzjoni peress l-obbligazzjoni tal-garanzija ma ġietx iffirmata wkoll mill-attur bħala debitur prinċipali u l-anqas ma ġiet iffirmata quddiem ir-Reġistratur ta' dan il-Qorti (cf. art. 908 (e) Kodiċi Proċedura Ċivili).

Rat id-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Tikkunsidra illi l-garanzija prodotta mill-attur għall-fini tal-art. 91 (3) tal-kap. 48 li tinsab a fol. 9 (Dok. F) ġiet assunta minn Dottor Anthony Farrugia u minnu ffirmata fuq is-solita formola stampata li tintuża għal meta ikun hemm bżonn tingħata garanzija a tenur tal-liġi tal-Proċedura Ċivili; din il-garanzija ma hix firmata la mid-debitur u inqas mir-Reġistratur. Skond l-art. 908 (e) (i) tal-Kodiċi tal-Proċedura, il-pleġġ għandu jagħmel l-obbligazzjoni tiegħu fir-Reġistru tal-Qorti kompetenti, u skond l-istess artikolu 908 (e) paragrafu (ii) l-obbligazzjoni tal-garanzija għandha tiġi ffirmata wkoll mid-debitur prinċipali, meta hu għandu jobbliga ruħu espressament, ukoll fil-każ ta' garanzija li tingħata bil-ġurament jew b'ipoteka; L-art. 182 tal-istess Kodiċi tal-Proċedura jgħid illi r-Reġistratur għandu wkoll jikteb l-obbligazzjoni

tal-pleġġerija għall-ispejjeż, meta din hija meħtieġa.

Dan l-aħħar paragrafu (908(e)(ii)) juri ċar illi l-garanzija a fol. 9 prodotta mill-attur hija irritwali għaliex nieqsa mir-rekwisiti mitluba mill-liġi: anke kieku kellha tiġi konsiderata bħala magħmula fir-Reġistru tal-Qorti kompetenti kif trid il-liġi in vista li ġiet preżentata ma' l-att ta' ċitazzjoni, tibqa' dejjem bla valur la darba mhix iffirmata mir-Reġistratur, l-uffiċjal inkarigat mill-liġi biex jirċeviha u għalhekk inqas ma hemm għal fejn wieħed jidħol fil-kwistjoni l-oħra sollevata mill-konvenut, illi l-garanzija kellha tiġi wkoll firmata mill-attur bħala debitur prinċipali (art. 908(e)(i)). La darba l-garanzija hija rritwali, hija rritwali wkoll iċ-ċitazzjoni, billi skond l-art. 91(3) Kap. 48 kien obbligu tal-attur illi mal-preżentata taċ-ċitazzjoni jagħti garanzija tajba għall-ispejjeż tal-kawża.

Il-Qorti għaldaqshekk tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-irritwalità sollevata mill-konvenut u konsegwentement tilliberah mill-osservazzjonijiet tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur.